# Is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu

*minn Matthew Sammut*

Ġewwa l-ġzira t'Għawdex, fil-limiti tal-Għarb, insibu s-Santwarju ddedikat lill-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema jew kif inhu aktar magħruf, is-Santwarju ta' Pinu. Ħadd ma jaf eżattament meta nbniet l-ewwel kappella, iżda fl-1554 l-Isqof Fra Domenico Cubellas żar lil din il-kappella u xtaq li tiġi rranġata għax kienet fi stat ħazin. Din il-kappella kienet inbniet mill-familja Gentile u b'hekk kienet tissejjaħ tal-Ġentili. Wara li l-kappella ġiet fi stat t'abbandun, l-Isqof Michele Balaguer ordna li tingħalaq. F'dan iż-żmien l-art tal-kappella kienet ta' Giovanni Muscat li kien jiġi n-neputi ta' Pinu Gauci, li dan kien għamel żmien twil jieħu ħsieb il-kappella. Kien għalhekk illi din il-kappella ħadet l-isem Ta' Pinu. Iżda wara mewtu, bintu Elena, reġgħet bniet il-kappella mill-ġdid u nfurmat lill-Isqof Fra Lorenzo Astria li xtaqet terġa` tiftaħha.



Hawnhekk l-Isqof ħareġ il-permess u għalhekk il-kappella reggħet ħadet il-ħajja. Bejn l-1879 u l-1883 in-nies naqsu ħafna milli jagħmlu użu mill-kappella u dawn kienu meqjusa bħala l-agħar żminijiet tal-kappella, iżda wara l-maltemp jiġi l-bnazzi u hekk ġara.



Karmni Grima, xebba ta' 45 sena, li kienet taħdem l-għelieqi tal-madwar, semgħet leħen jgħidilha 'Ejja' u hawnhekk hi tfixklet għax ħdejha ma rat lil ħadd. Ftit wara reġgħet semgħet l-istess vuċi ssejħilha biex tersaq ġewwa l-kappella. L-istess vuċi kelmitha u qaltilha biex tgħid tlett 'Ave Marijiet' għat-tliet ijiem li l-ġisem tal-Verġni Marija dam fil-qabar. Karmni ħasset paċi kbir f'dak il-mument ta' talb hekk profond u wara li lestiet mit-talb hi telqet lejn darha.

*ikompli f'paġna 81*

Karmni għamlet sena ma resqet lejn il-kappella minħabba marda li qabditha. Baqgħet iżżomm kollox mistur sakemm tkellmet ma' Francesco Portelli, li kien it-tabib tagħha. Dan ukoll qallha li kien sema l-vuċi ssejjaħlu. Nanntu kienet marida serjament u l-familjari ta' Francesco għamlu wegħda mal-Madonna ta' Pinu li jekk tfieq, jixegħlu xemgħa quddiem il-kwadru. Fi żmien qasir hija għaddiet għall-aħjar sabiex irkuprat mill-marda. Malli l-poplu sema` bil-ġrajja beda jmur jitlob ġewwa l-kappella u hawnhekk l-Isqof t'Għawdex Pietru Pace bagħat għal Karmni u Francesco biex ikun jaf aktar. Taħt ġurament huma rrakuntaw kollox. L-isqof ikkonkluda li l-vuċi kienet mis-sema u b'hekk id-devozzjoni kibret minnufih u numru kbir ta' pellegrini bdew iżuru l-kappella. Fl-1887 faqqgħet il-marda tal-kolera ġewwa Malta u n-nies bdew jagħmlu pellegrinaġġi lejn il-kappella





sabiex il-Madonna teħlishom din il-marda qerrieda. Wara erba` xhur il-kolera bdiet tnaqqas u Għawdex lanqas biss waslet. Mijiet ta' nies organizzaw pellegrinaġġi biex jirrangrazzjaw lill-Madonna ta' Pinu.

L-Isqfijiet Pietru Pace u s-suċċessur tiegħu G.M. Camilleri ħadmu kemm felħu sabiex jibnu knisja ma' ġenb il-kappella. Tqabbad il-Perit Andre` Vassallo għall-pjanti u lill-bennej Vitor Vella għall-bini tal-knisja. L-Isqof Gonzi, is-suċċessur tal-Isqof Camilleri kkonsagra l-knisja fit-13 ta' Diċembru 1931. Disà xhur wara ngħatat it-titlu ta' Bażilika. Din il-bażilika li hi gawhra fl-arkitettura hi mibnija fuq stil Neo-Ruman, għandha tul ta' 46 metru, b'wisa` ta' 30.5 metri u b'kampnar b'għoli ta' 47 metru. Fl-1935 il-Papa Piju XI bagħat delegazzjoni biex jinkuruna l-pittura mirakoluża tal-Assumpta, xogħol li sar fl-1619 mill-artist Amedeo Perugina. Fl-1990 il-Papa Ġwanni Pawlu II żar lis-santwarju u wara li għamel mumenti ta' talb, hu qaddes quddiesa fuq iz-zuntier u wara żejjen il-kwadru mirakoluż b'ħames stilel tad-deheb. Għall-okkażjoni taż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta, il-kwadru mirakoluż ittieħed għall-ewwel darba f'Malta u hemmhekk il-Papa rregalalu warda tad-deheb.